## 8 ta' Mejju, 1959

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Carmela Abela et.

*versus*

Avv. Dr. Francis Portanier et ne.

**Suċċessjoni — "Jus Representationis" — Art. 782 u 842(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm il-liġi tiddisponi illi dispożizzjoni testamentarja tibqa' mingħajr effett jekk il-persuna li favur tagħha tkun saret tmut qabel it-testatur, iżda l-istess liġi tiddisponi wkoll illi d-dixxendenti tal-werriet jew legatarju jidħlu minfloku fil-wirt jew fil-legat, kull meta, kieku s-suċċessjoni kienet "ab intestato", kien ikollhom id-dritt tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun ordna xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, jew ta' użu, jew ta' abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu personali.*

*Skond l-interpretazzjoni tal-Qrati Tagħna, dik is-suċċessjoni "ab intestato" hija dik tat-testatur, u mhux dik tal-eredi jew tal-legatarju; u kwindi għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi xejn aktar ma hu meħtieġ ħlief li d-dixxendenti tal-persuna premorta, jew inkapaċi, jinsabu f'relazzjoni ta' familja tali mat-testatur li tkun possibbli r-rappreżentazzjoni.*

*U billi hija wkoll liġi li l-jedd tar-rappreżentazzjoni jingħata lit-tfal u d-dixxendenti ta' ħut il-mejjet, jiġi illi, jekk it-testatur iħalli l-eredità tiegħu lil xi uħud minn ħutu, u wieħed minn dawn ħutu jmut qablu, il-porzjoni li kien jipperċepixxi dan ħuh kieku baqa' ħaj jeħduha t-tfal u d-dixxendenti tiegħu, u mhux takkrexxi mas-sehem tal-aħwa l-oħra tat-testatur li jibqgħu ħajjin wara mewtu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi fit-18 ta' Frar 1945 mietet (dok. A) Bernarda Micallef bla ma ħalliet testment, u għalhekk ħalliet bħala eredi legali tagħha lill-ħuha Reverendu Saċerdot Carmelo Micallef u lit-tfal ta' ħutha mejta Giovanna mart

Paolo Micallef, Grazia mart Felice Pace, Giuseppe u Marianna mart Vincenzo Borg, aħwa Micallef, skond kif jidher mill-prospett alberu ġenealoġiku (dok. B); illi l-atturi u l-konvenuti assenti huma wlied u dixxendi ta' ħut il-mejta Bernarda Micallef fuq imsemmijin; illi fil-31 ta' Diċembru 1946 (dok. D) miet ukoll ħuha l-ieħor Reverendu Carmelo Micallef, li b'testment sigriet publikat fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tal-15 ta' Jannar 1947 (kopja dok. C) istitwixxa u nnomina bħala eredi universali tiegħu lit-tfal ta' ħutu mejta Giovanna mart Paolo Micallef, Grazia mart Felice Pace, u Joseph aħwa Micallef; u peress illi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-konvenuti assenti; talbu li (1) jkun minn dil-Qorti likwidat l-assi mħolli mill-mejta Bernarda Micallef fuq imsemmija . . . . ; (2) dan l-assi hekk likwidat jiġi maqsum f'ħames porzjonijiet indaqs, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-eredi u dixxendenti tal-mejta Giovanna mart Paolo Micallef, ċjoè . . . . . . ; it-tieni porzjoni tiġi assenjata lill-eredi tal-mejta Grazia mart Felice Pace, ċjoè . . . . ; it-tielet porzjoni tiġi assenjata lill-eredi tas-Saċerdot Reverendu Carmelo Micallef, skond it-testment tiegħu fuq imsemmi (dok. C); ir-raba' porzjoni tiġi assenjata lit-tfal tal-mejjet Giuseppe Micallef, ċjoè . . . . . ; u l-ħames porzjoni tiġi assenjata lit-tfal u dixxendenti tal-mejta Marianna mart Vincenzo Borg, u ċjoè . . . . . . ; (3) ikunu nominati perit legali . . . . u nutar . . . . . . lill-kontumaċi; (4) subordinatament għat-talba tad-diviżjoni, f'każ li jirriżulta li l-assi jew sustanzi tiegħu ma humiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorità tagħha bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, u r-rikavat jiġi diviż bejn il-kontendenti fl-istess proporzjonijiet fuq speċifikati. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta (1) illi l-assi mħolli mid-decujus Bernarda Micallef jikkonsisti fis-somma ta' £45. 0. 5 depożitata fil-Government Savings Bank (Current Account Deposit No. 13569

(kompriżi l-imgħax sal-31 ta' Marzu 1958) u fl-utili dominju perpetwu tal-fond nru. 97 Parish Priest Carlo Manchè Street, Gżira, suġġett għaċ-ċens perpetwu ta' £1. 19. 0 fissena, stmat mill-I.Ċ.A. Paul Mercieca, skond l-imsemmija relazzjoni, £610; (2) illi dan il-fonl mhux diviżibbli komodament u mingħajr ħsara bejn l-eredi ta' Bernarda Micallef; (3) u illi r-rikavat tal-bejgħ in liċitazzjoni tal-imsemmi fond, flimkien mad-depożitu fuq riferit, jinqasmu bejn dawk l-eredi fil-proporzjonijiet speċifikati fl-aħħar parti tar-relazzjoni, u preċiżament a fol. 59 u 60 tal-proċess;

Illi, biex wasal għal dawn il-kwoti, il-perit legali ssottometta illi t-tfal ta' Grazia Pace ma jistgħux jidħlu "jure representationis" f'lok ommhom, istitwita eredi minn ħuha Saċerdot Don Carmelo Micallef, għaliex hija kienet mietet qablu, u għalhekk l-istituzzjoni favur tagħha baqgħet mingħajr effett skond l-art. 782 tal-Kodiċi Ċivili, u kwindi, skond il-perit, il-kwota tagħha kellha takkrexxi għal dik tal-ko-eredi l-oħra, jiġifieri t-tfal ta' Giuseppe Micallef u ta' Giovanna mart Paolo Micallef; iżda, kompla jgħid l-istess perit, billi t-testatur wera li xtaq li jħalli sehem mill-assi tiegħu lit-tfal ta' Grazia Pace, u din l-intenzjoni ġiet segwita fil-kuntratt ta' kwittanza tal-eżekuturi testamentarji u l-bilanċ irċevewh anki t-tfal ta' Grazia Pace, il-perit issottometta li in vista' ta' dan il-preċedent il-kwota spettanti lis-Saċerdot Micallef mill-wirt ta' oħtu Bernarda tiġi konsegwita anki mit-tfal ta' Grazia Pace;

Illi, għalkemm ir-riżultat konkret jibqa' xorta, ma għandux jintnesa illi l-imsemmi art. 782, fit-tieni paragrafu tiegħu, jagħmel eċċezzjoni, u jiddisponi illi "id-dixxendenti tal-werriet jew tal-legatarju jidħlu minfloku fil-wirt jew fil-legat, meta, kieku s-suċċessjoni kienet 'ab intestato', kien ikollhom il-jedd tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, użu jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu personali". Issa, skond l-interpretazzjoni tal-Qrati Tagħna, dik is-suċċessjoni "ab intestato" hija dik tat-testatur, u mhux dik tal-eredi jew legatarju, u kwindi għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu xejn aktar ma hu meħtieġ ħlief li d-dixxendenti tal-persuna premorta jew inkapaċi jinsabu

f'tali relazzjoni ta' familja mat-testatur li tkun possibbli r-rappreżentazzjoni (Kollez. XXVIII-I-962; XXXIII-II-223). Issa, skond l-art. 842(1) tal-Kodiċi Ċivili, fil-linja kollaterali, "il-jedd tar-rappreżentazzjoni jingħata lit-tfal u lid-dixxendenti ta' ħut il-mejjet"; u billi dan hu preċiżament il-każ ta' ulied Grazia Pace, il-premorjenza tagħha għat-testatur ħuha ma tirrendix l-istituzzjoni tagħha mingħajr effett, u sehemha imur fuq uliedha, neputijiet u konsangwinei tat-testatur bid-dritt tar-rappreżentazzjoni;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-konklużjonijiet peritali kompatibbli mal-motivazzjoni ta' din is-sentenza;

Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-assi ta' Bernarda Micallef jikkonsisti . . . . . . ;

Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tordna illi dak l-assi jiġi maqsum bejn il-kontendenti fil-proporzjonijiet indikati fir-relazzjoni peritali a fol. 59 u 60 tal-proċess;

U billi l-imsemmi fond mhux diviżibbli komodament u mingħajr ħsara, tilqa' r-raba' talba, billi tordna l-bejgħ fil-liċitazzjoni tal-istess fond . . . . . ;

U in vista ta' dak li ntqal, tiddikjara illi ma hemmx iżjed lok li tipprovdi għat-tielet domanda;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-kontendenti fil-proporzjon tal-kwoti rispettivi tagħhom ereditarji.